IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.5.2020
COM(2020) 548 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

Ċipru

Rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

Ċipru

Rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

1. INTRODUZZJONI

Fl-20 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-klawżola, kif inhu stipulat fl-Artikoli 5(1), 6(3), 9(1) u 10(3) tar-Regolament (KE) 1466/97 u l-Artikoli 3(5) u 5(2) tar-Regolament (KE) 1467/97, tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-politiki baġitarji fi żminijiet ta' tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku. Fil-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni flimkien mal-Kunsill kienet tal-fehma li, minħabba t-tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku b'riżultat tat-tifqigħa tal-COVID-19, il-kundizzjonijiet preżenti jippermettu l-attivazzjoni tal-klawżola. Fit-23 ta' Marzu 2020 il-Ministri tal-Finanzi tal-Istati Membri qablu mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni. L-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tippermetti t-tluq temporanju mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' żmien medju, dment li dan ma jkunx jipperikola s-sostenibbiltà fiskali fi żmien medju. Fir-rigward tal-parti korrettiva, il-Kunsill jista' jiddeċiedi wkoll, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li jadotta trajettorja fiskali riveduta. Il-klawżola liberatorja ġenerali ma tissospendix il-proċeduri tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Bis-saħħa tagħha, l-Istati Membri jistgħu jiddevjaw mir-rekwiżiti baġitarji li normalment ikunu japplikaw, filwaqt li l-Kummissjoni u l-Kunsill ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri neċessarji tal-koordinazzjoni politika fil-qafas tal-Patt.

Id-*data* notifikata mill-awtoritajiet Ċiprijotti fil-31 ta' Marzu 2020 u sussegwentement ivvalidata mill-Eurostat[1] turi li s-surplus tal-amministrazzjoni pubblika f'Ċipru laħaq il-1,7 % tal-PDG fl-2019, filwaqt li d-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika kien 95,5 % tal-PDG[2]. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020, Ċipru qed jippjana defiċit ta' 4,3 % tal-PDG fl-2020, filwaqt li d-dejn huwa ppjanat li jkun 116,8 % tal-PDG.

Id-defiċit ippjanat għall-2020 jipprovdi evidenza *prima facie* tal-eżistenza ta' defiċit eċċessiv kif definit bil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Barra minn hekk, id-*data* għall-2019 timplika nuqqas ta' konformità mal-parametru referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn, u tipprovdi wkoll evidenza *prima facie* tal-eżistenza ta' defiċit eċċessiv kif definit bil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

[1] https://ec.europa.eu/eurostat/documents/2995521/10294648/2-22042020-AP-EN.pdf/6c8f0ef4-6221-1094-fef7-a07764b0369f

[2] Fl-2018 il-proporzjon tad-dejn żdied għal 100,6 % tal-PDG, minħabba operazzjonijiet ta' darba insostenn tas-settur bankarju.

Għaldaqstant, f'dan l-isfond il-Kummissjoni ħejjiet dan ir-rapport, li janalizza l-konformità ta' Ċipru mal-kriterji tad-deficit u tad-dejn tat-Trattat. Huwa jivvaluta l-fatturi rilevanti kollha u debitament iqis l-iskoss ekonomiku kbir marbut mal-pandemija tal-COVID-19.

Tabella 1. Deficit u dejn tal-amministrazzjoni pubblika (% tal-PDG)

		2016	2017	2018	2019	2020 COM	2021 COM
Kriterju tad-deficit	Bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika	0,3 %	2 %	-3,7	1,7	-7 %	-1,8 %
Kriterju tad-dejn	Dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika	103,4 %	93,9 %	100,6	95,5	115,7 %	105 %
	Differenza għall-parametru referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn				0,1	3,0 %	-0,4 %

Sors tan-nota: Eurostat, it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni

2. KRITERJU TAD-DEFIĊIT

Fuq il-bażi tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2020, id-deficit tal-amministrazzjoni pubblika ta' Ċipru mistenni jilħaq l-4,3 % tal-PDG fl-2020, ferm 'il fuq u mhux qrib il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG stipulat fit-Trattat. Id-deficit mistenni jkun primarjament dovut għall-impatt fiskali ta' żieda tad-deficit tal-miżuri adottati mill-Gvern biex tiġi miġġielda l-pandemija (stmat għal 4,4 % tal-PDG) u għall-kontrazzjoni preżunta tad-dħul mit-taxxa minħabba d-deterjorament tas-sitwazzjoni makroekonomika.

L-eċċess ippjanat rigward il-valur referenzjarju tat-Trattat huwa eċċezzjonali fl-2020, billi jirriżulta minn tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku. Filwaqt li jqis l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni qed jipprojetta kontrazzjoni ta' 7,4 % fit-tkabbir tal-PDG reali fl-2020.

Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni, l-eċċess ippjanat fir-rigward tal-valur referenzjarju tat-Trattat se jkun temporanju, billi huwa previst li fl-2021 id-deficit jinżel taħt it-3 % tal-PDG. Madankollu, dawn il-projezzjonijiet iġorru grad eċċezzjonalment għoli ta' inċertezza.

Fi ftit kliem, id-deficit ippjanat għall-2020 huwa ogħla u mhux qrib il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat. L-eċċess huwa meqjus bħala eċċezzjonali kif definit bit-Trattat u bil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, filwaqt li n-natura tal-eċċess hija bħalissa meqjusa temporanja. B'hekk, l-analiżi tissuġġerixxi li *prima facie* l-kriterju tad-deficit kif definit bit-Trattat u bir-Regolament (KE) Nru 1467/97 ma ġiex issodisfat.

3. KRITERJU TAD-DEJN

Wara li naqas sostanzjalment għal 93,9 % tal-PDG fl-2017, id-dejn tal-Gvern bħala proporzjon tal-PDG żdied għal 100,6 % fl-2018. Iż-żieda kienet primarjament dovuta għall-ħruġ ta' sensiela ta' bonds tal-Gvern (EUR 3,2 biljun, iktar minn 15 % tal-PDG) għall-finanzjament tal-għajnuna ta' darba għall-bejgħ u għall-istralċ ordnat tas-Cyprus Cooperative Bank (CCB).

Id-dejn tal-Gvern bħala proporzjon tal-PDG naqas sostanzjalment għal 95,5 % fl-2019 minn 100,6 % tal-PDG fl-2018. It-tnaqqis tad-dejn kien dovut għas-surplus baġitarju nominali konsistenti kkombinat ma' tkabbir tal-PDG nominali. Dan kien parzjalment ikkumpensat mill-impatt li jżid id-dejn tal-aġġustamenti stokk-flussi fl-2019 (+0,4 % tal-PDG), li kien rifless fiż-żieda tar-riżervi ta' likwidità miżmuma mill-Gvern.

Id-*data* nnotifikata turi li Ċipru ma kkonformax mal-parametru referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn fl-2019 (ara t-Tabella 1), billi d-differenza għall-parametru referenzjarju hija 0,1 % tal-PDG.

Għalhekk, l-analiżi tissuġġerixxi li *prima facie* l-kriterju tad-dejn mhuwiex issodisfat fuq il-bażi tad-*data* tal-eżitu tal-2019.

4. FATTURI RILEVANTI

L-Artikolu 126(3) tat-Trattat jistipula li, jekk Stat Membru ma jissodisfax il-ħtiġijiet ta' wieħed minn dawn il-kriterji jew tat-tnejn li huma, il-Kummissjoni jkollha tħejji rapport. Dan ir-rapport irid ukoll "iqis jekk id-dejn tal-gvern ikunx jeċċedi n-nefqa tal-gvern f'investiment u jqis il-fatturi kollha relevanti, inkluża l-pożizzjoni ekonomika u tal-estimi għall-futur medju tal-Istat Membru".

Dawn il-fatturi huma ċċarati iktar fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, li jistipula wkoll li "kwalunkwe fattur ieħor li, fl-opinjoni tal-Istat Membru kkonċernat huwa rilevanti sabiex tkun ivvalutata b'mod komprensiv il-konformità mal-kriterji tad-defiċit u d-dejn u li l-Istat Membru ressaq quddiem il-Kunsill u l-Kummissjoni" jeħtieġ li jingħata l-kunsiderazzjoni dovuta.

Fir-rigward tal-ksur apparenti tal-kriterju tad-dejn, l-analiżi tal-fatturi rilevanti hija partikolarment meħtieġa, billi d-dinamiċi tad-dejn huma iktar influwenzati minn fatturi barra mill-kontroll tal-Gvern milli huwa l-każ tad-defiċit. Dan huwa rikonoxxut fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, li jistipula li l-fatturi rilevanti għandhom jiġu kkunsidrati meta tiġi vvalutata l-konformità fuq il-bażi tal-kriterju tad-dejn irrispettivament mid-daqs ksur. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati mill-inqas it-tliet aspetti ewlenin li ġejjin meta tiġi vvalutata l-konformità mal-kriterju tad-dejn minħabba l-impatt tagħhom fuq id-dinamika u s-sostenibbiltà tad-dejn: (i) l-aderenza mal-OTM jew mal-perkors ta' aġġustament lejh, (ii) l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali, u (iii) il-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalenti.

Kif speċifikat fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, fir-rigward tal-konformità mal-kriterju tad-defiċit fl-2020, billi l-proporzjon tad-dejn tal-Gvern għall-PDG jeċċedi l-valur referenzjarju ta' 60 % u l-kundizzjoni doppja — jiġifieri li d-defiċit jibqa' qrib il-valur referenzjarju u li l-eċċess fir-rigward tal-valur referenzjarju jkun temporanju — mhijiex irrispettata, dawn il-fatturi rilevanti ma jistgħux jitqiesu fil-passi li jwasslu għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fuq il-bażi tal-kriterju tad-defiċit għal Ċipru. Fis-sitwazzjoni attwali jrid jitqies ukoll il-fattur addizzjonali ewlieni tal-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19 fir-rigward tal-2020, li għandha impatt sostanzjali ħafna fuq is-sitwazzjoni baġitarja u tirriżulta f'perspettiva inċerta ħafna. Il-pandemija wasslet ukoll għall-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali.

4.1. Pandemija tal-COVID-19

Il-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat skoss ekonomiku qawwi li qed ikollu impatt negattiv sinifikanti madwar l-Unjoni Ewropea. Il-konsegwenzi għat-tkabbir tal-PDG se jiddependu fuq kemm iddum il-pandemija kif ukoll fuq il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll fil-livell Ewropew u globali biex jitnaqqas it-tixrid tagħha, jiġu protetti l-kapaċitajiet tal-produzzjoni u tiġi sostnuta d-domanda aggregata. L-Istati Membri diġà adottaw, jew qed jadottaw, miżuri baġitarji biex iżidu l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa tagħhom u jipprovdu l-għajnuna lill-individwi u lis-setturi partikolarment affettwati. Ġew adottati wkoll miżuri sinifikanti għall-appoġġ ta' likwidità u garanziji oħra. Billi għad ma hemmx informazzjoni dettaljata, l-awtoritajiet kompetenti tal-istatistika qed jeżaminaw jekk dawk il-miżuri jinvolvux impatt immedjat fuq il-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika. Flimkien mat-tnaqqis fl-attività ekonomika, dawn il-miżuri se jikkontribwixxu għal pożizzjonijiet tad-defiċit u tad-dejn tal-Gvern li huma sostanzjalment ogħla.

4.2 Pożizzjoni ekonomika fi żmien medju inklużi riformi strutturali

Mill-2016 'l hawn, it-tkabbir tal-PDG reali, xprunat mill-konsum, kompla jiżdied iktar mill-potenzjal li kellu. It-tkabbir nominali wkoll kien b'saħħtu ħafna mill-2016 'l hawn. Għalhekk, ma jistax jiġi argumentat li l-kundizzjonijiet makroekonomiċi huma fattur mitiganti meta jiġi spjegat in-nuqqas ta' progress suffiċjenti ta' Ċipru lejn l-issodisfar tal-parametru referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn fl-2019.

B'riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-PDG se jonqos bi kważi 7½ % fl-2020, li jirrifletti t-tfixkil fl-attività ekonomika minħabba r-restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar u l-miżuri ta' lockdown, kif ukoll it-tnaqqis sinifikanti mistenni fid-domanda esterna għas-servizzi, partikolarment għat-turiżmu. Il-prospetti makroekonomiċi huma kkaratterizzati minn grad sinifikanti ta' inċertezza dwar kemm se ddum il-pandemija u l-impatt ekonomiku tagħha. Dan huwa fattur mitiganti fil-valutazzjoni tal-konformità ta' Ċipru mal-kriterju tad-defiċit fl-2020.

Fir-Rapport tal-Pajjiż tal-2020[3] tagħha, il-Kummissjoni vvalutat li Ċipru għamel progress ġeneralment limitat fl-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż tal-2019. Speċifikament, Ċipru għamel xi progress partikolarment fl-oqsma li ġejjin: titjib tal-governanza tal-intrapriżi tal-Istat; faċilitazzjoni tat-tnaqqis tas-self improduttiv; tisħiħ tal-effettività tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u ħidma ta' sensibilizzazzjoni maż-żgħażagħ; titjib tar-R&Ż; iffaċilitar tal-aċċess għal finanzjament għall-SMEs, u implimentazzjoni tal-ewwel fażi tar-riforma tas-Sistema Nazzjonali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa. Sar progress limitat biss f'dawn l-oqsma: (i) riforma tal-amministrazzjoni pubblika u tal-gvernijiet lokali; (ii) iffukar tal-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq it-trasport sostenibbli, il-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma, id-diġitalizzazzjoni u l-ħiliet diġitali; (iii) titjib tal-effettività tas-sistema ġudizzjarja u d-dixxiplina tal-pagamenti; (iv) ħolqien ta' sistema affidabbli għall-ħruġ u għat-trasferiment tad-drittijiet tal-proprjetà immobbli. Ma sar l-ebda progress b'rabta mal-implimentazzjoni tal-proġetti ta' privatizzazzjoni.

[3] Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD (2020) 512 final, 26.2.2020, "*Country Report Cyprus 2020. Including an In-Depth Review on the prevention and correction of macroeconomic imbalances*".

4.3 Pożizzjoni tal-estimi fi żmien medju, inkluż investiment tal-Gvern

Il-pożizzjoni nominali tal-estimi tjiebet minn defiċit ta' 3,7 % tal-PDG fl-2018 għal surplus ta' 1,7 % fl-2019. It-titjib tal-bilanċ nominali fl-2019 meta mqabbel mal-2018 primarjament jirrifletti n-natura temporanja tad-defiċit fl-2018, li kien dovut għall-għajnuna ta' darba min-naħa tal-Gvern għas-settur bankarju fl-2018 (7,4 % tal-PDG). L-investiment pubbliku waqa' minn 5,7 % tal-PDG fl-2018 għal 1,7 % fl-2019 minħabba l-impatt ta' darba li l-appoġġ finanzjarju lis-CCB kellu fuq l-investiment pubbliku fl-2018.

Fuq il-bażi tad-*data* tal-eżitu tal-baġit u tat-tbassir tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali ta' Ċipru kellu surplus ta' 0,1 % tal-PDG fl-2019, u b'hekk kien konformi mal-objettiv baġitarju ta' żmien medju ta' baġit strutturali bbilanċjat fl-2019. Il-konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva hija fattur mitiganti għall-valutazzjoni tan-nuqqas ta' konformità *prima facie* ta' Stat Membru mal-kriterju tad-dejn fl-2019.

Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 jipprovdi informazzjoni dwar l-impatt temporanju li l-pakkett ta' miżuri li jżidu d-defiċit adottat mill-Gvern biex jiġġieled il-pandemija mistenni jkollu fuq il-finanzi pubbliċi (stmat għal 4,4 % tal-PDG). Il-prospetti fiskali fi żmien medju huma kkaratterizzati minn grad eċċezzjonali ta' inċertezza, kemm dwar it-tul tal-pandemija kif ukoll dwar l-impatt ekonomiku tagħha.

4.4. Il-pożizzjoni tad-dejn tal-Gvern fi żmien medju

Wara li naqas sostanzjalment minn 103,4 % fl-2016 għal 93,9 % tal-PDG fl-2017, il-proporzjon tad-dejn pubbliku żdied għal 100,6 % tal-PDG fl-2018. Dik iż-żieda kienet dovuta għall-għajnuna ta' darba tal-Gvern għall-bejgħ u għall-istralċ ordnat tas-CCB fl-2018.

Fl-2019 il-proporzjon tad-dejn pubbliku għall-PDG naqas b'mod sostanzjali għal 95,5 %, xprunat minn surplus primarju komdu kif ukoll minn effett "valanga" pożittiv. Dawn il-fatturi li jnaqqsu d-dejn kienu parzjalment paċuti mill-impatt li jżid id-dejn tal-aġġustamenti stokk-flussi (+0,4 % tal-PDG).

Skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni, id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mistenni jogħla minn 95,5 % tal-PDG fl-2019 għal 115,7 % fl-2020.

L-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn ġiet aġġornata bit-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni. Din l-analiżi tikkonferma li, minkejja r-riskji, il-pożizzjoni tad-dejn se tibqa' sostenibbli fi żmien medju, anki minħabba fatturi ta' mitigazzjoni importanti (inkluż il-profil tad-dejn). B'mod partikolari, filwaqt li l-pożizzjoni tad-dejn tal-Gvern marret għall-agħar b'riżultat tal-kriżi tal-COVID-19, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG fil-linja bażi mistenni li jkun fuq trajettorja sostenibbli (ta' tnaqqis) fi żmien medju[4].

[4] Ix-xenarju bażi jistrieħ fuq it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni. Wara l-2021 huwa preżunt aġġustament gradwali tal-politika fiskali, b'mod konsistenti mal-oqfsa tal-UE għall-koordinazzjoni u għas-sorveljanza ekonomika u fiskali. It-tkabbir tal-PDG reali huwa projettat skont l-hekk imsejħa metodoloġija EPC/OGWG T+10. B'mod partikolari, it-tkabbir effettiv (reali) tal-PDG jiddependi fuq it-tkabbir potenzjali tiegħu u huwa affettwat minn kwalunkwe aġġustament fiskali addizzjonali kkunsidrat (bil-multiplikatur fiskali). Huwa preżunt li l-inflazzjoni gradwalment tikkonverġi għal 2 %. Il-preżunzjonijiet tar-rati tal-imgħax huma stabbiliti f'konformità mal-aspettattivi tas-suq finanzjarju. Fix-xenarju avvers, l-ipoteżi prevista (għall-perjodu sħiħ ta' projezzjoni) hija dik ta' rati tal-imgħax ogħla (b'500 punt bażi) u tkabbir tal-PDG aktar baxx (b'-0,5 punti perċentwali) meta mqabbel max-xenarju bażi.

Grafika 1: Proporzjon tad-dejn tal-Gvern għall-PDG, Ċipru, % tal-PDG



Sors: is-servizzi tal-Kummissjoni

4.5 Fatturi oħrajn ippreżentati mill-Istat Membru

Fil-11 ta' Mejju 2020, l-awtoritajiet Ċiprijotti bagħtu ittra bil-fatturi rilevanti f'konformità mal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97. L-analiżi ppreżentata fit-taqsimiet preċedenti diġà tkopri b'mod wiesa' l-fatturi ewlenin ippreżentati mill-awtoritajiet. Fl-ittra tagħhom, l-awtoritajiet Ċiprijotti enfasizzaw ukoll l-evoluzzjoni pożittiva tal-finanzi pubbliċi f'dawn l-aħħar snin, kif rifless bis-surpluses nominali fil-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika miksuba fl-aħħar erba' snin (2016–2019), bl-esklużjoni tal-impatt ta' darba b'rabta mas-CCB. L-awtoritajiet jinnotaw ukoll li r-riżervi ta' likwidità żdiedu, fl-aħħar tal-2019, b'madwar 2 % tal-PDG meta mqabbel mal-2018, speċjalment minħabba r-ripagament ippjanat tas-self mill-FMI kmieni fl-2020.

5. Konklużjonijiet

Skont il-Programm ta' Stabbiltà, fl-2020 id-defiċit nominali tal-amministrazzjoni pubblika ta' Ċipru huwa ppjanat li jiżdied għal 4,3 % tal-PDG, jiġifieri jkun 'il fuq u mhux qrib il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG stipulat fit-Trattat. L-eċċess ippjanat fir-rigward tal-valur referenzjarju huwa meqjus eċċezzjonali u attwalment huwa meqjus temporanju.

Id-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika kien ta' 95,5 % tal-PDG fi tmiem l-2019, ferm ogħla mill-valur referenzjarju ta' 60 % tal-PDG skont it-Trattat. Ċipru ma kkonformax mal-parametru referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn fl-2019.

F'konformità mat-Trattat u mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dan ir-rapport eżamina wkoll il-fatturi rilevanti. Kif speċifikat fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, fir-rigward tal-konformità mal-kriterju tad-defiċit fl-2020, peress li l-proporzjon tad-dejn tal-Gvern għall-PDG jeċċedi l-valur referenzjarju ta' 60 % u l-kundizzjoni doppja — jiġifieri li d-defiċit jibqa' qrib il-valur referenzjarju u li l-eċċess fir-rigward tal-valur referenzjarju jkun temporanju — mhijiex irrispettata, dawn il-fatturi rilevanti ma jistgħux jitqiesu fil-passi li jwasslu għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fuq il-bażi tal-kriterju tad-defiċit għal Ċipru. B'mod ġenerali, l-analiżi tissuġġerixxi li l-kriterju tad-defiċit kif definit fit-Trattat u fir-Regolament (KE) Nru 1467/1997 mhuwiex issodisfat.

Fir-rigward tal-konformità mal-kriterju tad-dejn fl-2019, il-fatturi rilevanti, b'mod partikolari (i) il-kundizzjonijiet makroekonomiċi osservati; (ii) il-progress limitat fis-snin li għaddew fl-implimentazzjoni tar-riformi strutturali li jżidu t-tkabbir, u (iii) il-konformità mal-objettiv baġitarju ta' żmien medju, iwasslu għall-konklużjoni li kien hemm konformità mal-kriterju tad-dejn kif definit fit-Trattat u fir-Regolament (KE) Nru 1467/1997.